13 ta' Marzu 2018
36/2018

## TĦASSIB DWAR ĊERTI DEĊIŻJONIJIET TAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR U L-AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI

STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) hija waħda mill-entitajiet li kienet issuġġeriet li l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) kellha tinqasam f'żewġ awtoritajiet[1] sabiex ikun żgurat li interessi ambjentali ma jkunux fgati minn interessi oħra li ma jikkontribwixxux għal titjib fil-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Madanakollu, kienet il-KA ukoll li uriet it-tħassib tagħha dwar il-mod kif saret il-qasma tal-MEPA fl-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Il-KA tħoss li din il-qasma setgħet saret ħafna aħjar, b'mod li jiġu evitati deċiżjonijiet 'strambi' li jqajmu ħafna mistoqsijiet dwar l-operat tal-istess awtoritajiet[2]. Eżempji ta' deċiżjonijiet ta' dan it-tip huma msemmija hawn taħt.

### L-iżvilupp tal-lukanda Fortina f'Tas-Sliema

L-ERA ħasset li ma kienx hemm ħtieġa ta' *Environment Impact Assessment* (EIA) biex jevalwa l-impatt li se jħallu ż-żieda ta' ħames sulari fuq torri ta' 17-il sular, it-twaqqiegħ ta' strutturi eżistenti u l-bini ta' blokk ta' 15-il sular ta' appartamenti. Din id-deċiżjoni ttieħdet għax l-ERA ħasset li probabbilment dan l-iżvilupp mhux se jkollu impatti ambjentali li jistgħu jkunu indirizzati b'mod effettiv f'EIA. Għalhekk l-applikazzjoni se tkun evalwata abbażi ta' *Project*

---

[1] Stqarrijiet maħruġa mill-KA:

- *L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA), l-Iżvilupp Sostenibbli u r-Responsabbiltà Politika* http://thechurchinmalta.org/files/2009/09/2008-42.pdf (28 ta' Marzu 2008)
- *Opinion on the consultation document on MEPA's Reform* http://thechurchinmalta.org/files/2009/09/85-Kumm-ID-Ambjent-on-MEPA-REFORM.pdf (27 ta' Lulju 2009)

[2] Stqarrijiet maħruġa mill-KA:

- *Reazzjoni tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) għad-Dokumenti li ħareġ il-Gvern dwar l-oqsma tal-Ambjent u l-Ippjanar* http://thechurchinmalta.org/files/article/42_KA_REAZZJONI_MEPA.139825747943.pdf (21 ta' April 2014)
- *Reazzjoni għat-tliet abbozzi ta' liġi dwar il-qasma tal-MEPA* http://thechurchinmalta.org/mt/posts/51546/reazzjoni-tal-kummissjoni-ambjent-ghat-tliet-abbozzi-ta-ligi-dwar-il-qasma-tal-mepa (11 ta' Awwissu 2015)

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 1281
Email. media@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org

*Description Statement (PDS)* li ppreżentaw l-istess żviluppaturi u li (skont l-ERA) jikkunsidra l-kwistjonijiet ambjentali b'mod suffiċjenti.

Il-KA temmen li l-fatt li sit ikun f'ambjent urban, ma jfissirx li wieħed għandu japprova fuqu kull tip ta' żvilupp, aktar u aktar meta dan jista' jkollu impatti negattivi fuq il-komunità. Jidher li din id-deċiżjoni ma qisitx wieħed mill-pilastri ta' żvilupp sostenibbli, jiġifieri t-tħaris tal-ambjent soċjali. Dan in-nuqqas diġà kien indikat mill-oġġezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema li talab li jsir *Traffic Impact Assessment* u *Social Impact Assessment*. Anke l-istess PDS isemmi li ma ġiex studjat biżżejjed l-effett taż-żieda fit-traffiku fuq il-kwalità tal-arja.

L-ironija ta' dan kollu hi li fl-istess perjodu li ttieħdet din id-deċiżjoni, l-ERA nediet regolamenti ġodda intenzjonati li jsaħħu l-EIAs billi fil-proċess evalwattiv jintroduċu temi ġodda bħas-saħħa tal-bniedem u t-tibdil fil-klima fost l-oħrajn.

Il-ħtieġa ta' dawn ir-regolamenti kienet ilha tinħass, u l-KA tinnota b'sodisfazzjon it-twettiq ta' diversi suġġerimenti li kienet għamlet hi fl-imgħoddi. Fost dawn hemm: (a) li dawn ir-rapporti jinkitbu b'mod li jinftiehem mill-pubbliku (b) li jiżdied il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika (ċ) li żviluppatur ma jitħalliex jifframmenta proġett mostruż f'serje ta' proposti żgħar (d) li jkun hemm prova tal-oġġettività tal-konsulenti involuti (il-KA kienet saħansitra talbet li jkunu ppubblikati l-ismijiet ta' dawk involuti – speċjalment fid-dokument ta' konsultazzjoni pubblika).

Madanakollu, il-KA tinkwieta meta f'regolamenti bħal dawn jibdew jiddaħħlu l-eżenzjonijiet mingħajr kontroll xieraq. L-esperjenza f'pajjiżna wriet li taħt **kull** amministrazzjoni tfaċċaw persuni li speċjalizzaw fl-arti li tilgħab bil-liġi u ssib kif tgħaddi mit-tieqa, meta l-ispirtu tal-liġi (jiġifieri li tipproteġi liċ-ċittadin) ikun għalaq il-bieb għal dan l-abbuż! Eżenzjonijiet minn skrutinju rigoruż min-naħa ta' ppjanar wasslu għall-bini tal-*hangar* ta' Xatt it-Tiben, li huwa insensittiv għas-swar tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura u għat-twaqqif ta' *shooting range* pubblika fuq art tal-Pulizija f'Ta' Kandja. Issa huwa fatt magħruf li r-raġuni vera għal din l-eżenzjoni ma kinitx biex il-Pulizija jkollha *shooting range* imma biex Malta tospita kompetizzjoni internazzjonali. Dan hu abbuż flagranti tal-ispirtu tal-liġi.

## L-approvazzjoni tal-emendi fuq is-sit ta' Mercury House f'Paceville u l-proġett massiv fil-Bajja ta' San Ġorġ

Il-KA ma tistax tifhem kif quddiem opportunità li tinkwadra proposta ta' żvilupp fi pjan ħolistiku, il-PA tagħżel li jkompli jsir żvilupp massiv f'reġjun fejn l-istess Awtorità wriet il-ħtiega ta' (u qed taħdem fuq) *masterplan*. Wieħed jistaqsi: Forsi min ivvota favur il-proġett ta' 31 sular fis-sit ta' Mercury House f'Paceville serraħ rasu għax il-proġett se jinkludi 4,000 m$^2$ ta' spazji miftuħa u għax kien impost ħlas (relativament miżeru) ta' €50,000 fuq l-iżviluppatur bħala kontribuzzjoni għal fond artistiku?

Filwaqt li tinnota b'sodisfazzjon li kien hemm tliet membri tal-Bord tal-Awtorità li vvutaw kontra l-applikazzjoni, il-KA ma tistax tifhem kif ir-rappreżentanti tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, filwaqt

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

li qablu mal-bżonn li l-iżvilupp propost għandu jkun fil-kuntest ta' *masterplan*, **xorta waħda** vvutaw favur dan il-proġett. Il-mistoqsijiet jiġu waħedhom. X'jiġi l-ewwel għall-partiti? Liema interessi qed jiddefendu? Min se jirrappreżenta l-interessi taċ-ċittadini li għandhom għal qalbhom il-ġid komuni u li huma kontra proġetti ta' żvilupp esaġerat bħal ma hu dan?

Fil-każ tal-iżvilupp fil-Bajja ta' San Ġorġ, huwa sinifikanti li waqt li kien qed ikun approvat il-proġett tal-Bajja ta' San Ġorġ, l-ogħla uffiċjal eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar ġie kkwotat jgħid li hija ħasra li ma jeżistix *masterplan*.[3] Fl-aħħar mill-aħħar il-proġett xorta kien approvat, u l-KA temmen li l-impatt kumulattiv tal-proġetti kollha f'Paceville u l-Bajja ta' San Ġorġ għad jinħassu 'l quddiem. Ma' dan, wieħed ma jistax ma jixgħelx il-bozza l-ħamra fuq l-attakki kostanti li qed isiru minn diversi żviluppaturi biex isir 'żvilupp mill-ġdid' (frażi li tinstema' iktar aċċettabbli minn 'qerda tal-wirt arkitettoniku') ta' siti li għandhom valur kulturali u storiku sinifikanti fil-qalba tal-komunitajiet urbani. Ilna sa mis-snin disgħin naraw jittellgħu lukandi li jieħdu post strutturi storiċi tas-seklu 19, u saħansitra torri ta' żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Gwann jiġi midfun ġewwa lukanda moderna. Jidher ukoll li ftit qed ninkwetaw għall-ħsara li jistgħu jġarrbu siti ddikjarati 'protetti' bħall-Għar ta' Ħarq Ħamiem fil-Bajja ta' San Ġorġ.

F'dan il-kuntest wieħed jistaqsi: X'saħħa għandhom l-entitajiet kostitwiti bil-għan li jaraw li l-ambjent, speċjalment il-wirt naturali, kulturali u artistiku, u l-fibra soċjali ta' pajjiżna jingħataw il-prijorità li tixirqilhom? Il-KA tingħaqad mal-Kummissarju għall-Ambjent fl-Uffiċċju tal-Ombudsman[4], u ttenni dak li qalet diversi drabi: li sakemm l-ERA u s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ma jkollhomx is-saħħa tal-veto f'kull deċiżjoni kontroversjali li jkollha quddiemha l-PA, allura se nibqgħu naraw jittieħdu deċiżjonijiet li mhux tassew ipoġġu fuq quddiem il-ġid komuni. [5]

Fid-diskorsi tagħhom il-politiċi spiss jistaqsu liċ-ċittadini: 'Kif tixtiequ li l-istorja tibqa' tiftakar lil din il-ġenerazzjoni?' Quddiem l-approvazzjoni ta' dawn il-proġetti, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent tixtieq tindirizza din l-istess mistoqsija lil dawk kollha involuti fit-tfassil tal-pjani u *policies* ta' żvilupp u dawk involuti fid-deċiżjonijiet għall-permessi ta' żvilupp.

---

[3] http://www.independent.com.mt/articles/2018-02-22/local-news/PA-Board-approves-major-development-in-Villa-Rosa-Cresta-Quay-area-in-St-Julian-s-6736185213
[4] Rapport għas-sena 2016 ippreżentat fil-Parlament mill-Ombudsman (pġ. 91)
[5] *Reazzjoni għat-tliet abbozzi ta' liġi dwar il-qasma tal-MEPA* http://thechurchinmalta.org/mt/posts/51546/reazzjoni-tal-kummissjoni-ambjent-ghat-tliet-abbozzi-ta-ligi-dwar-il-qasma-tal-mepa (11 ta' Awwissu 2015)
*Għoxrin Proposta lill-Partiti Politiċi għall-Elezzjoni Ġenerali 2017* http://thechurchinmalta.org/mt/posts/69084/ghoxrin-proposta-lill-partiti-politici-ghall-elezzjoni-generali-2017 (11 ta' Mejju 2017)
*Ippjanar għall-ftit għal-lum - mhux għal għada għal kulħadd* – Messaġġ fil-Jum Dinji għall-Ippjanar Urban 2017 http://thechurchinmalta.org/mt/posts/73466/-ippjanar-ghall-ftit-ghal-lum--mhux-ghal-ghada-ghal-kulhadd (7 ta' Novembru 2017)

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**